VERŻJONI ELETTRONIKA

MALTA

ATT Nru XXXVIII tal-2018

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar l-Armi, Kap. 480.

ACT No. XXXVIII of 2018

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Arms Act, Cap. 480.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
President

6 ta' Novembru, 2018

ATT Nru XXXVIII tal-2018

ATT biex jemenda l-Att dwar l-Armi, Kap. 480.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2018 li jemenda l-Att dwar l-Armi, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaga waħda mal-Att dwar l-Armi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Kap. 480.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "arma tan-nar" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "arma tan-nar" tfisser kwalunkwe arma bil-kanna li tista' tinġarr, li tispara, li hija mfassla biex tispara jew li tista' tiġi konvertita biex tispara tir, balla jew projettili permezz tal-azzjoni ta' propellant kombustibbli, sakemm ma tkunx taqa' taħt l-Iskeda III, partiti 1, 3 jew 4.

Oġġett għandu jitqies bħala kapaċi li jiġi konvertit biex jispara tir, balla jew projettili bl-azzjoni ta' propellant kombustibbli jekk:

(a) ikollu l-apparenza ta' arma tan-nar; u

(b) ikun maħdum b'tali mod jew ikun magħmul minn tip ta' materjal li permezz tiegħu jkun jista' jiġi konvertit f'arma;";

(b) it-tifsira "arma tan-nar qasira" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "arma tan-nar qasira" tfisser arma tan-nar b'kanna li ma tkunx aktar minn tletin ċentimetru twila jew li jkollha tul li b'kollox ma jġibx aktar minn sittin ċentimetru bl-i*stock* milwi jew imneħħi jekk hekk provdut;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "arma tan-nar twila" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "armi akustiċi u tas-salut" tfisser l-armi tan-nar ikkonvertiti speċifikament biex jintużaw biss għall-isparar fil-vojt, f'attivitajiet bħal spettakli teatrali, sessjonijiet fotografiċi, reġistrazzjonijiet ċinematografiċi u televiżivi, reċtar ta' avvenimenti storiċi, parati, avvenimenti sportivi u taħriġ;";

(d) minnufih wara t-tifsira "armi regolari" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "armi tal-allarm u tas-sinjal" tfisser apparati b'*holder* tal-iskratač li jkunu ġew imfassla biex jisparaw biss fil-vojt, sustanzi irritanti, sustanzi attivi oħra jew tiri ta' sinjal pirotekniku, u li ma jkunux kapaċi li jiġu konvertiti biex jisparaw tir, balla jew projettili bl-azzjoni ta' propellant kombustibbli;";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) it-tifsira "arma tan-nar li ma tiffunzjonax" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "armi tan-nar diżattivati" tfisser armi tan-nar li permezz ta' diżattivazzjoni jkunu saru inutilizzabbli b'mod permanenti skont ir-Regolament tal-Kummissjoni 2015/2403 u strumenti rilevanti oħra tal-Kummissjoni, u jkun ġie żgurat li l-komponenti essenzjali kollha tal-arma tan-nar inkwistjoni jkunu saru definittivament inoperabbli u impossibbli li jiġu maqlugħa, sostitwiti jew modifikati b'mod li jippermetti li l-arma tan-nar tiġi riattivata bi kwalunkwe mod;";

(f) it-tifsira "kollettur" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "kollettur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ddedikata għall-ġbir u l-konservazzjoni ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali jew tal-munizzjon għal finijiet storiċi, kulturali, xjentifiċi, tekniċi, edukattivi jew ta' wirt kulturali, u li jkollha liċenzja ta' kollettur skont l-artikolu 11;";

(g) minnufih wara t-tifsira "kollettur" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "komponent essenzjali" tfisser il-kanna, il-qafas, ir-*receiver*, inklużi r-*receiver* ta' fuq kif ukoll ta' taħt, fejn applikabbli, is-*slide*, iċ-ċilindru, il-qafla jew l-imblokkatura tal-kulatta, li, billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom;";

(h) minnufih wara t-tifsira "il-Ministru" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "manifattura illegali" tfisser il-manifattura jew l-immuntar tal-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom:

(a) minn kwalunkwe parti essenzjali tat-tali armi tan-nar li jkunu ġew traffikati illegalment;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) mingħajr awtorizzazzjoni maħruġa skont ir-regolament 7A tar-Regolamenti dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjon fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih iseħħu l-manifattura jew l-immuntar; jew L.S. 480.01

(ċ) mingħajr l-immarkar tal-armi tan-nar waqt il-manifattura skont ir-regolament 7A tar-Regolamenti dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjon fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra;"; L.S. 480.01

(i) minnufih wara t-tifsira "munizzjon bi projettili li jinħarqu" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "mużew" tfisser istituzzjoni permanenti fis-servizz tas-soċjetà u tal-iżvilupp tagħha, miftuħa għall-pubbliku, li tikseb, tikkonserva, tirriċerka u tesibixxi armi tan-nar, komponenti essenzjali jew munizzjon għal finijiet storiċi, kulturali, xjentifiċi, tekniċi, edukattivi, għal skopijiet ta' wirt kulturali jew ta' rikreazzjoni, u rikonoxxuti bħala tali mis-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali. Mużew li jinfetaħ b'appuntament jew li l-aċċess tiegħu huwa suġġett għal identifikazzjoni minn qabel għandu jitqies bħala mużew miftuħ għall-pubbliku;";

(j) it-tifsira "negozjant" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "negozjant" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu jew parzjalment minn waħda mis-segwenti:

(a) il-kummerċ, l-iskambju, il-kiri, il-ħażna jew it-tiswija ta' armi tan-nar jew ta' komponenti essenzjali;

(b) il-kummerċ jew l-iskambju ta' munizzjon;";

(k) it-tifsira "residenti" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "residenti" tfisser persuna residenti tal-pajjiż indikat fl-indirizz li jidher fuq dokument uffiċjali li juri l-post tar-residenza tagħha, bħalma hu passaport jew karta tal-identità nazzjonali, li meta jsir kontroll fuq l-akkwist

VERŻJONI ELETTRONIKA

jew il-pussess, jiġi ppreżentat lill-Kummissarju jew lil negozjant. Jekk indirizz ta' persuna ma jidhirx fuq il-passaport jew il-karta tal-identità nazzjonali tagħha, il-pajjiż ta' residenza tagħha għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' kwalunkwe prova uffiċjali oħra ta' residenza rikonoxxuta mill-Kummissarju;";

(l) minnufih wara t-tifsira "sparar bil-mira" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "traċċar" tfisser l-ittraċċar sistematiku tal-armi tan-nar u, fejn possibbli, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom mill-manifattur sax-xerrej bil-għan li tingħata għajnuna lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jiskopru, jinvestigaw u janalizzaw il-manifattura illeċita u t-traffikar illegali;"; u

(m) minnufih wara t-tifsira "traċċar" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "traffikar illegali" tfisser l-akkwist, il-bejgħ, il-kunsinna, il-moviment jew it-trasferiment tal-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali tagħhom jew il-munizzjon minn jew b'passaġġ mit-territorju ta' Stat Membru wieħed lejn dak ta' Stat Membru ieħor, jekk wieħed miż-żewġ Stati Membri kkonċernati ma jawtorizzax li dan isir skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni Ewropea jew jekk l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali jew il-munizzjon ma jkunux immarkati skont ir-regolament 7A tar-Regolamenti dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjon fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra.".

L.S. 480.01.

3. L-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Att dwar l-Immigrazzjoni; jew" għandhom jiżdiedu l-kliem "resident tal-UE jew taż-ŻEE f'Malta; jew";

(b) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (f) u minnufih wara l-paragrafu (d) għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) ikun residenti f'Malta u jkun akkwista arma tan-nar fi Stat Membru ieħor, skont il-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat Membru, sakemm it-tali arma tan-nar hija legalment permissibbli skont dan l-Att; jew";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (f) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda persuni li jingħataw awtorizzazzjoni skont il-paragrafu (e) għandhom jingħataw Liċenzja ta' Kollettur B biss jekk dawn ma jikkwalifikawx għal liċenzja skont il-paragrafi l-oħra.".

Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

4. L-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-paragrafu (b) għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) Kull meta persuna tkun ikkundannata għal mill-inqas tliet (3) snin priġunerija effettiva, m'għandhiex tkun intitolata li tapplika għal liċenzja skont dan l-Att.";

(b) il-proviso tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

L.S. 10.39.

"Iżda għall-fini ta' dan l-artikolu, liċenzja tal-kaċċa maħruġa skont ir-Regolamenti dwar il-Liċenzji tal-Kaċċa, għandha titqies bħala liċenzja taħt dan l-Att.".

Żieda tal-artikolu 31A ġdid mal-Att prinċipali.

5. Minnufih wara l-artikolu 31 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Sistema ta' monitoraġġ.

31A. Il-Kummissarju għandu jkollu fis-seħħ sistema ta' monitoraġġ li għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' liċenzja jkunu sodisfatti għat-tul kollu kopert mil-liċenzja u li, *inter alia*, tiġi evalwata informazzjoni medika u psikoloġika rilevanti.

Il-liċenzji kollha maħruġa taħt dan l-Att għandhom jiġu riveduti f'intervalli li ma jaqbżux il-ħames (5) snin. Ir-reviżjoni għandha tikkonsisti f'evalwazzjoni mill-ġdid tal-imġiba tal-individwu kkonċernat, evalwazzjoni mill-ġdid tal-kondizzjoni medika u psikoloġika tiegħu u evalwazzjoni mill-ġdid dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fi klabb kull meta jkun meħtieġ.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

6. L-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Sospensjoni jew revokazzjoni ta' liċenzja.

32. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi jew ta' xi liġi oħra, il-Kummissarju għandu jissospendi jew jirrevoka liċenzja maħruġa taħt dan l-Att:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) meta d-detentur tal-liċenzja jiġi kkundannat għal xi reat speċifikat fl-artikolu 24; jew

(b) meta d-detentur tal-liċenzja ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima V ta' dan l-Att; jew

(ċ) meta d-detentur tal-liċenzja ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' liċenzja.".

Żieda tal-artikolu 32A ġdid mal-Att prinċipali.

7. Minnufih wara l-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Sospensjoni jew revokazzjoni ta' liċenzja.

32A. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi jew ta' xi liġi oħra, il-Kummissarju jista' jissospendi jew jirrevoka liċenzja maħruġa taħt dan l-Att:

(a) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 32, meta d-detentur tal-liċenzja jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolament magħmul taħtu; jew

(b) għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew individwali li għandhom jiġu rreġistrati speċifikament u debitament irrapportati lill-Ministru:

L.S. 10.39.

Iżda għall-fini ta' dan l-artikolu, liċenzja tal-kaċċa maħruġa skont ir-Regolamenti dwar il-Liċenzji tal-Kaċċa, għandha titqies bħala liċenzja taħt dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali.

8. Is-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3) u (4) rispettivament u minnufih wara s-subartikolu (1) għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Il-mużewijiet li jkunu ser jesibixxu armi tan-nar taħt Skeda I mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-provvediment, jistgħu jkunu meħtieġa li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin imposti mill-Kummissarju. Dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jinkludu l-istess kundizzjonijiet applikabbli għal Liċenzja Speċjali ta' Kollettur A kif ukoll kwalunkwe kundizzjonijiet ta' sigurtà addizzjonali li jidhirlu meħtieġa, inkluż l-istallazzjoni ta' allarmi u sistemi oħra ta' sorveljanza. Il-Kummissarju jista' wkoll jeħtieġ 24 siegħa ta' sorveljanza tal-bini.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Sostituzzjoni tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali.

9. L-artikolu 36 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Meta arma tan-nar hija meqjusa bħala diżattivata.

36. L-armi tan-nar għandhom jiġu diżattivati skont ir-Regolament (UE) 2015/2403 u kwalunkwe standards oħra maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea. Arma tan-nar għandha tiġi rreġistrata bħala diżattivata biss jekk ċertifikat minn awtorità jew entità rikonoxxuta skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) 2015/2403, jew kwalunkwe strument leġiżlattiv relevanti ieħor, ikun inħareġ u ġie sottomess lill-Kummissarju.".

Emenda tal-artikolu 39 tal-Att prinċipali.

10. Fis-subartikolu (a) tal-artikolu 39 tal-Att prinċipali, minnufih qabel il-kliem "ebda membru" għandhom jiżdiedu l-kliem "il-Forzi Armati ta' Malta, il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u, jew is-Servizz tal-ħabs ta' Malta jistgħu jakkwistaw kwalunkwe arma tan-nar għall-użu fis-servizzi rispettivi.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 155 tal-1 ta' Novembru, 2018.

CLAUDETTE BUTTIGIEG
Deputy Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati